MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# ID-DISA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 31/09

**Il-Ħamis 5 ta' Frar 2026**

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-ħamsa (5:00pm) ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Romeo Baldacchino – Sindku
Andrew Dalli – Viċi Sindku
Marija Bailey Micallef – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Stefan Caruana – Kunsillier
Claire Chetcuti – Kunsilliera

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

## AĠENDA

31.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

31.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

31.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

31.4. Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

31.5 Temi oħra tal-Kunsill Lokali; a. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress
b. Proġett tal-Ġnien il-Ħelsien – progress
c. Proġett tal-Housing Estate – progress
d. Xiri tal-Van għall-Komunita – progress

31.6 Rapporti;

31.7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

31.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

**Minuti**
**Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa**

Is-Sindku ppresedja l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-ħamsa u għoxrin (5:20pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

### 31.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li kien hemm żewġ ittri ta' apoloġija mill-kunsilliera S.Caruana u C.Chetcuti minħabba impenji oħra personali. Dawn l-ittri ġew milqugħa minn dawk preżenti.

### 31.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 30/09 nem con.

### 31.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

31.3.1 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li fil-jiem li ġejjin, il-kuntrattur ser ikun qed jimla' bil-ħamrija l-partijiet ta' nofs ta' Sqaq il-Loġġia u ta' Triq Tal-Għolljiet.

31.3.2 Is-Sindku għamel referenza għat-talba li kien hemm biex isiru sleeping policeman fi Triq Bir Miftuħ minħabba is-sewqan aċċessiv li qed isir f'din it-triq. Il-Kunsilliera M. Bailey Micallef qalet li darba l-Kunsill kien għamel talba simili u TM kienu nfurmaw lill-Kunsill li dawn l-isleeping

policeman ma jisgħtux jsiru minħabba li jgħaddu l-vetturi ta' trasport pubbliku. Il-Kunsill qabel li jerġa'jagħmel talba.

31.3.3 Is-Sindku propona biex isir sleeping policeman fi Triq Santa Marija c/w Triq Mons. Pawlu Mallia hekk kif l-Kunsill kien diġa' nforma lir-residenti tal-akwati u ma kienx hemm oġġezzjonijiet.

31.3.4 Ġew preżentati kwotazzjonijiet biex tiġi installata gate mall-pitch tal-football fi Ġnien Raymond Caruana u kwotazzjonjiet fuq installazzjoni ta' turf ġdid għal dan l-istess pitch. Dawk preżenti approvaw il-kwotazzjonijiet preżentati.

31.3.5 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li saret laqgħa ma' TM fuq il-ħinijiet tal-parkeġġ riservat għar-residenti fil-kumplament ta' toroq l-oħra fil-Gudja.

31.3.6 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li saret laqgħa mall-IM fejn ġew diskussi xi xogħlijiet li huma ppjanati li jsiru fil-Gudja. Is-Sindku żied jgħid li fost it-talbiet li saru hemm l-aħħar parti minn Triq W.Baker, parti minn Triq il-Magħsar u Triq il-Lebbien.

31.3.7 Is-Sindku għamel referenza għall-Skema SPI/SCI/07/2025 – Finanzjament – Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalità, fejn il-Kunsill ser ikun qed jibbenifika minn fond ta' 42,000Eur għall-tisbiħ ta' Ġnien il-Ħelsien.

31.3.8 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li minn naħa ta' Project Green ser ikunu qed jibdew it-testijiet tal-art biex jinbeda l-proġett ta' fejn il-Palazz. Dan il-proġett ser ikun qed isir minn Project Green.

31.3.9 Ġiet preżentata talba minn naħa tal-Fondazzjoni Din l-Art Ħelwa biex jinbidlu xi dwal għall-LED madwar il-Knisja ta' Bir Miftuħ. Is-Sindku talab biex tinġieb kwotazzjoni.

31.3.10 Ġie preżentat ir-rapport tal-Contracts Manager għax-xahar ta' Jannar 2026.

31.3.11 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti dwar żewġ bandli li hemm bżonn jinbidlu fi Ġnien Ġlormu Cassar. Dak preżenti qabblu li dawn jinbidlu.

31.3.12 Ġew preżentati l-kwotazzjonijiet għas-servizz ta' surveyor għax-xogħlijiet relatati mat-tisbiħ ta' Ġnien il-Ħelsien. Dawk preżenti approvaw l-irħas kwotazzjoni.

31.3.13 Ġew preżentati l-kwotazzjonijiet għall-installazzjoni ta' bollards fi Vjal it-Torri. Il-Viċi Sindku propona sabiex il-Kunsill jiċċekkja għall-alternattivi oħra flok il-bollards. Din it-talba ġiet milqugħa.

31.3.14 Is-Sindku għamel referenza għall-approvazzjoni ta' TM dwar it-tibdil fis-sistema ta' traffiku fi Triq il-Lewż u Triq Bettina, fejn is-Sindku propona sabiex il-Kunsill jibgħat ittra lir-residenti dwar dan it-tibdil.

31.3.15 Ġiet preżentata kwotazzjoni ta' stilt walker għall-attivita tal-Karnival. Din il-kwotazzjoni ġiet approvata minn dawk preżenti.

31.3.16 Is-Sindku għamel referenza għall-ittra li kienet ntbagħtet minn TM dwar tibdil fid-devjazzjoni ta' traffiku fi Triq Santa Marija. Is-Sindku propona li l-aħjar proposta hija li triq tiġi one way (tinżel 'l isfel). Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti. Il-Kunsill ser ikun qed jinforma lill-TM b'din id-deċiżjoni.

31.3.17 Is-Sindku għamel referenza għall-attivita' tal-Karnival, fejn informa lil dawk preżenti li għal mass band għal waqt din l-attivita', l-Kunsill irċieva konferma minn għaqda waħda. Is-Sindku qal li s-Soċjeta Filarmonika La Stella qed jistennew l-eżitu tal-Kunsill biex jiddeċiedu x'ser ikunu qegħdin jagħmlu bil-banda fl-attivita' tal-Karnival.

Is-Sindku kompla billi qal li saret laqgħa nformali fejn ġew diskussi ż-żewġ talbiet li saru mis-Soċjeta Filarmonika La Stella u mill-Grupp Armar Santa Marija. Dawn iż-żewġ Għaqdiet qed jitolbu ħlas extra bħala kumpens għax-xogħol ta' tiżjin tal-Milied li sar mill-kuntrattur fi Triq Raymond Caruana. Dan ix-xogħol mill-kuntrattur ġie approvat f'laqgħa tal-Kunsill. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill Lokali tal-Gudja ma jaqbilx ma'dak mitlub.

Is-Sindku kompla jgħid li wara li fis-sena 2025 il-Kunsill bgħat ittra lill-erba' għaqdiet biex jibgħatu disinn tat-tiżjin tal-Milied, il-Kunsill irċieva disinn wieħed mingħand għaqda waħda. Il-Kunsill kien talab id-disinni mill-għaqdiet biex isiru ġodda fit-toroq indikati mill-Kunsill. Kull għaqda hija mitluba tagħmel 15 – il disinn. Is-Sindku qal li Soċjeta Filarmonika La Stella tarma minn fejn il-Villa ta' Dalli sa tarf Triq il-Kbira ma' Triq Ħal Safi, l-Għaqda Mużikali Maria Assunta tarma minn minn tarf Triq R.Caruana sa fejn l-statwa ta' San Ġużepp u jarmaw il-presepju mall-binja tal-Kunsill. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill irid jara minħabba Triq Santa Marija peress li hemm xi problema biex din it-triq tintrama. Is-Sindku qal li Grupp Armar Santa Marija jarma Triq William Baker, Triq San Ċiru, Triq l-Annunzjata u Triq il-Kappillan. Is-Sindku propona li tintbgħat ittra b'dawn id-dettalji għal kumplament tal-leġislatura kollha lil kull għaqda rispettivament. Is-Sindku qal wkoll li l-Għaqda Mużikali Maria Assunta naqset milli tarma parti minn Triq Santa Marija u għalhekk il-Kunsill ser ikun qed inaqqas il-fondi minħabba dan in-nuqqas.

**31.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

31.4.1 Il-Viċi Sindku talab sabiex isir floodlight mall-faċċata tal-binja li telgħet fi Triq R.Caruana.

**31.5 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress
b. Proġett tal-Ġnien il-Ħelsien – progress

Ref to item 31.3.7
c. Proġett tal-Housing Estate – progress

Il-Bord tal-Evalwazzjoni ser ikun kompost mis-Sur Chris Falzon, mill-accountant tal-Kunsill, is-Sur Luke Chetcuti u mill-perit tal-Kunsill, is-Sa. Jessica Tanti.

d. Xiri tal-Van għall-Komunita – progress

31.6 Rapporti;

Nil

**31.7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Il-pagamenti nru 21/9 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Viċi Sindku A. Dalli u sekondata mill-Kunsilliera M. Bailey Micallef għall-ammont totali ta' €40,791.21 u ġiet approvata nem con.

**31.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-Laqgħa ntemmet fis-sitta u nofs ta' filgħaxija (6:30pm). Is-Sindku aġġorna l-laqgħa għal nhar l-Erbgħa 11 ta' Marzu 2026 fil-5.00pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum l-Erbgħa 11 ta' Marzu 2026

ffirmati
Romeo Baldacchino
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv